MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 357/2001/1

**Dedicated Micros (Malta) Limited**

**Vs**

**Simon Grech**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija sitta u hamsin lira, tmienja u sebghin centezmu (Lm556.78) rapprezentanti prezz ta' sistema CCTV mibjugha lill-konvenut u installata mis-socjeta' attrici stess, u dan skond l-invoice 2152 ta' l-24 t'Awissu, 2000. Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali datata Frar 2001, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 18 u fol 19 tal-atti oltre c-certifikat mediku a fol 19 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-3 ta' Marzu 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm556.78,0 bl-imghax legali mit-28 ta' Frar 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Frar 2001, imsemmija fl-istess avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------